**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 18 ta' Marzu 2021**

**Rikors nru: 70/2021 AGV ;**

**ABC bhala mandatarja specjali ta' DEF**
**Vs**
**GF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, datat 19 ta' Frar 2021, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi r-rikorrennti ABC hija mandatarja ta' DEF nee' HI li ilhom separati ghal dal-ahhar 22 sena u jehtieg li jigi registrat id-divorzju bejniethom hawn Malta.
2. Illi tfal minuri ma hemmx u lanqas kwistjonijiet ta' manteniment.

3. Illi l-partijiet zzewwgu fil-15 ta' Jannar 1983, F' Westminster, Ingilterra kif jidher mil-vera kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
4. Illi mill-istess unjoin twieldu zewgt itfal J u K, illum adulti u jahdmu bi qliegh;
5. Illi l-partijiet sseparaw legalment fil-11 ta' Awwissu 1998 wara li lahqu ftehim bejniethom ghal separazzjoni bonarja fejn kwistjonijiet ta' access, kustodja u manteniment tat-tfal kif ukoll kwistjonijiet relatati mas-separazzjoni tal-beni tal-partijiet gew indirizzati, hekk kif jidher mil-att ippubblikat min-Nuatr Nathalie Pace Asciak, vera kopja awtentika ta' liema kuntratt qed tigi hawn mehmuza, u mmarkata bhala Dok. B;
6. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrinkonziljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;
7. Illi l-partijiet ghandhom dhul u/ jew manteniment adegwat ghalihom, in oltre ma hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet;
8. Illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju elenkati fl-artikolu 66B u 66 D tal-Kap 16 huma sodisfatti.

Ghaldaqstant ghar- ragunijiet fuq imsemmija, ir-rikorrent qed umilment jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex skont dawk il-kundizzjonijiet li jidrhrilha xierqa u opportuna, joghgobha;

a. Tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet, li sehh fil- 15 ta' Jannar 1983, bhala zwieg mahul (divorzju) ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi (Art 66A(1) et seq, Kap 16).
b. Tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-direttr tar-registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku (Art 66A(4), kap. 16).

Rat illi r-rekwiziti skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju huma soddisfatti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |